BIRGU

Kunsill Lokali Birgu

Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

8 ta' Jannar, 2010

Laqgha tal-Kunsill b'urgenza numru 37(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' ghal laqgha b'urgenza numru 37(05) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2010 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Prezenti.

Is-Sur John Boxall- Sindku, s-sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, is-sur Ivan Peresso – Kunsillier u s-sinjura Judith Saliba – Kunsilliera

Ippresieda s-sur John Boxall

Talba

Is-Sindku s-sur John Boxall qal it-talba u tah bidu ghal laqgha

Talba ghad-devoluzjoni tal-Berga ta' Franza sabiex issir l-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li din il-laqgha ssejhet b'urgenza sabiex il-Kunsill jiddiskuti t-talba ghad-devoluzjoni tal-Berga ta' Franza, sabiex din il-binja kollha issir l-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sur Boxall, qal li wara li l-Kunsill gie notifikat mid-dipartiment ta' l-artijiet li l-kmamar kollha tat-terran, mikrija lilu mil-bidu tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, mil-ewwel ta' Jannar,2010, ser tieqaf il-kirja tieghu u l-istess Kunsilli rid jirritorna c-cwievet lil imsemmi dipartiment.

Kawza ta' din il-mizura, l-ufficini tal-Kunsill Lokali tal-Birgu gie inaccesibli ghal anzjani u persuni bi bzonnijiet specjali fit-totalita tieghu. Ghalhekk, ma kienx hemm triq ohra hlief jinsab post alternattiv u ghalhekk qed jigi ssugerit biex l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill

jsiru fil-Berga ta' Franza fejn ftit ta' snin ilu l-istess Kunsill kien qed jaghmel uzu ta' partijiet minnha bhala *front office*, biex jaqdi ahjar il-bzonnijiet tar-residenti, specjalment dawk anzjani u wisq aktar lil dawk li ibghatu min xi dizabilita.

Wara diskussjoni, is-Sindku, s-sur John Boxall, talab, sabiex issir talba ghad-devoluzjoni ta' dan il-post. Din, giet issekondata mis-sinjura Miriam Grech, Kunsilliera u approvata unanimament.

Il-laqgha ntemmet fi sitta ta' filghaxija.

Christine Bonello Segretarja Ezekuttiva	kkonfermati	John Boxall Sindku